CCT/56/22/S

Bryan Scicluna u Deborah Degabriele

vs

Martin Williams - Gemini Services Ltd

Illum 23 ta' Marzu, 2023.

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-Talba ta' Bryan Scicluna u Deborah Degabriele ippreżentata fil-21 t'April, 2022, filwaqt li Martin Williams - Gemini Services Ltd għalkemm debitament notifikati baqgħu ma ppreżentawx risposta u lanqas dehru għas-seduti li saru;

Ra d-dokumenti ppreżentati, u sema' lir-rikorrenti u t-trattazzjoni tagħhom magħmula fis-16 ta' Frar 2023;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda xogħol li skont rapport ippreżentat minn Perit Arkitett *ex parte* ma kienx skont is-sengħa u l-arti, liema xogħol sar mill-intimati;

Illi jingħad mall-ewwel li Martin Williams - Gemini Services Ltd naqsu milli jwieġbu għat-talba ta' Bryan Scicluna u Deborah Degabriele u lanqas dehru għas-seduti li saru;

Illi t-Tribunal għandu quddiemu verżjoni waħda u ċioe' dik ta' Bryan Scicluna u Deborah Degabriele u r-rapport tal-Perit Arkitett tagħhom u ċioe' l-Perit Adam Brincat, li ma ġewx kontradetti bl-ebda mod mill-intimati;

Illi n-nuqqas ta' dehra tal-intimati ma jfissirx li dan it-Tribunal m'għandux x'jixtarr dak mitlub u kemm dan hu ġustifikat;

Illi r-rikorrenti spjegaw illi diġa' kienu ħallsu lill-intimati s-somma ta' €8,800 u skont ir-rapport tal-Perit Adam Brincat, ix-xogħol magħmul mill-intimati għandu valur ta' bejn wieħed u ieħor €3,500;

Illi min-naħa tagħhom, ir-rikorrenti iddikjaraw li kull ammont mit-talba tagħhom 'il fuq minn €5,000 qed tiġi mwarrba;

Illi min-naħa l-oħra l-intimati ma dehrux biex jitfgħu dawl fuq din it-talba tar-rikorrenti u lanqas biex jagħtu l-verżjoni tagħhom;

Decide

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ u wara li ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, t-Tribunal qiegħed Jaqta' u Jiddeċiedi billi Jilqa' t-talba tar-rikorrenti Bryan Scicluna u Deborah Degabriele u Jordna lil Martin Williams - Gemini Services Ltd iħallas lil Bryan Scicluna u Deborah Degabriele s-somma ta' €5,000, kif konfermata mill-istess rikorrenti, bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu mill-intimati Martin Williams - Gemini Services Ltd.

Richard Sladden Av.
Arbitru